*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Simba Toys GmbH & Co. KG

B'digriet tat-23 ta' April 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

## Appell ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2020 minn Neoperl AG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-14 ta' Novembru 2019 fil-Kawża T-669/18 – Neoperl AG vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**(Kawża C-14/20)**

(2020/C 201/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Appellanti:* Neoperl AG (rappreżentanti: H. Börjes-Pestalozza u G. Schultz, Rechtsanwälte)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

B'digriet tat-23 ta' April 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ma aċċettatx l-appell u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż tagħha stess.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-27 ta' Jannar 2020 – Staatssecretaris van Financiën vs Jumbocarry Trading GmbH

**(Kawża C-39/20)**

(2020/C 201/13)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiz*

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Staatssecretaris van Financiën

*Konvenuta:* Jumbocarry Trading GmbH

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 103(3)(b) u l-Artikolu 124(1)(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni [1] huma applikabbli għal dejn doganali inkors qabel l-1 ta' Mejju 2016 u fejn it-terminu ta' preskrizzjoni tiegħu ma kienx għadu skada f'dik id-data?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, il-prinċipju ta' ċertezza legali jew il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi jipprekludi din l-applikazzjoni?

---

[1] Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2).